MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 284/1995/1

**Raymond Fenech**

**Vs**

**Frans Ghirxi u Antonio Busuttil**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-konvenuti bhala editur u stampatur rispettivament tal-gurnal "L-Orizzont", permezz tal-kitba mxandra fil-pagna ta' quddiem tal-harga tat-28 ta' Frar, 1995, li kopja taghha tinsab hawn annessa u mmarkata Dok. "A", taw malafama lill-attur billi attribwewlu fatti determinanti bl-iskop li

joffendu l-unur u l-fama tieghu jew li jesponuh ghar-ridikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku.

Premess l-ingurja fil-kaz prezenti hija mill-aktar gravi peress li gie attribwit lill-attur reat b'arma tan-nar.

Premess illi l-attur bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fil-ligi ta' l-Istampa.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti bhala editur u stampatur rispettivament tal-gurnal "L-Orizzont" taw malafama lill-attur bl-istampar fuq imsemmi, li ghandu l-iskop li jtellef jew inaqqas l-istima tieghu;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina f'ammont li ma jeccedix l-elfejn lira (Lm2,000) bhala danni u riparazzjoni ta' l-ingurija morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija;

3. Tordna lill-konvenuti jippubblikaw bl-istess prominenza fl-ewwel faccata tal-gurnal "L-Orizzont" is-sustanza tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Frans Ghirxi a fol. 10** tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-ewwel zewg talbiet ghandhom jigu michuda ghax il-kitba "de quo" kienet tirrapprezenta fatti sostanzjalment vera li jistghu jigu pruvati.

2. Illi t tieni talba ghandha tigi michuda billi m'ghandha ebda bazi fil-ligi.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi fil-ligi.

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Antonio Busuttil** a fol.12 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi hu ma qarax il-kitba "de quo" qabel din giet pubblikata.

2. Illi hu jassocja ruhu ma l-eccezzjonijiet tal-eccipjent l-iehor.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Rat id-digriet a fol. 15;

Rat **in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri** a fol. 90 fejn il-konvenut Frans Ghirxi eccepixxa:

Illi hu m'ghamilx hag'ohra hlief xandar fis-sustanza dak li kien hemm f'rapport li sar lill-Pulizija, bhalma jirrizulta mix-xhieda stess ta' l-attur. Hu kellu dritt igib dan a konjizzjoni tal-qarrejja, bhala ahbar ta' interess pubbliku li taqa' taht *id-diritto di cronaca* li hu accettat mill-Qrati taghna.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONTESTAZZJONI**

L-attur qed joggezzjona ghall-artikolu li deher fl-ewwel pagna tal-Orizzont tat-28 ta' Frar, 1995 taht ir-ras : Incident fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, **SECURITY GUARD JGHID LI GIE MHEDDED B'ARMA TAN-NAR.**

Il-konvenut Ghrixi qed jeccepixxi li huwa ried biss iwassal taghrif dwar incident li gara l-Airport li kien gie rapportat lill-Pulizija. Huwa ma holoq xejn minn zniedu, u ma holoq ebda storja. Il-konvenut l-iehor Antonio Busutill, allura stampatur, halef li hu ma kien jaf xejn dwar dak ir-rapport.

## NOTA ECCEZZJONIJIET ULTERJURI

L-attur qed jissottometti (ara nota ta' osservazzjonijiet a fol. 99) li l-konvenut Frans Ghirxi ma talabx l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex ikun jista' jipprezenta n-nota ta' eccezzjoni ulterjuri. Dan hu vera.

Jirrizulta mill-atti, li l-eccezzjoni ulterjuri giet prezentata fit-28 ta' Settembru, 2001 (ara fol. 90) u fil-verbali bejn 14 ta' Marzu, 2001 u 9 ta' Ottubru, 2001 (fol. 37 u 38) ma jidher li ntalab ebda permess lill-Qorti. Dina l-eccezzjoni ulterjuri pero' ser tigi accettata stante li hija fis-sustanza l-istess bhal l-ewwel eccezzjoni li hemm a fol. 10 u partikolarment kif spjegat fid-dikjarazzjoni ta' l-istess eccezzjoni fejn jinghad li "Illi l-Orizzont wassal lill-qarrejja rapport li wasal ghandu wara debita verifika" u fl-eccezzjoni ulterjuri li jghid li l-Orizzont ma ghamilx haga ohra hlief li xandar fis-sustanza dak li kien hemm fir-rapport lill-Pulizija.

## KONVENUT STAMPATUR

L-attur qed jissottometti ukoll li l-konvenut Anthony Busutill *qua* stampatur gie mharrek tajjeb u ghandu jibqa' bhala konvenut u dana peress li l-ligi nbidlet wara li kienet saret dina l-kawza. Il-Qorti taqbel ma dana billi l-att li emeda l-ligi (Att X11) saret fil-1996 mentri l-kawza giet prezentata fil-1995.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT

Illi l-Qrati u l-awturi f'kazijiet ta' dritt ta' kronaka individwalizzaw serje ta' kriterji biex jibbilancjaw id-dritt ta' kronaka mad-dritt tar-privatessa tal-persuna. Biex jissusisti dan id-dritt ta' kronaka u jkun gustifikat jehtieg li (1) ikun hemm interess pubbliku oggettiv biex isir jaf l-ahbar (kronaka u mhux pettegolezzi); (2) il-fatt li jigi rapportat irid ikun vera cjoe jrid jikkorrispondi mar-realta'; (3) l-esposizzjoni narrativa tal-fatt trid tkun oggettiva u *fair*.

## L-ARTIKOLU INKRIMINAT

Fl-artikolu nkriminat, li qieghed *front page* u b-ittri bold, jirrapporta kif *security guard* jghid li gie mhedded b'arma tan-nar. Il-partijiet huma identifikati u imsemmija b'isimihom. L-artikolu hu bazat fuq rapport li ghamel dan is-*security guard* lill-Pulizija. L-Orizzont kien kellem lill-ufficjali ta' Airport u lil tal-Group 4.

**PROCEDURI KRIMINALI**

Kienu ttiehdu passi kriminali kontra l-attur, (ara fol. 58 u 59). L-akkuza kontra Raymond Fenech tinsab a fol. 58 u l-verbal tas-seduta fejn giet deciza l-kawza jinsab a fol. 59. F'dana l-verbal jigi rilevat li kien xehed Anthony Deguara, (li f'dawn il-proceduri ma xehedx). L-attur dak in nhar, (allura imputat) bla pregudizzju ddikjara li hu ma mmolestax u lanqas ser jimmolesta lil Deguara. In vista ta' dan l-kawza giet deciza. (Probabilment il-procediment gie esawrit).

**PROVI**

Fil-kawza odjerna xehdu diversi persuni.

L-attur cahad il-kontenut ta' l-artikolu u li hedded *is-Security Guard* b'arma tan-nar. Hu spjega kif effettivament graw il-fatti u li l-pulizija ma kienux sabu armi fuqu u fi-karozza tieghu. Fuq il-*video* tal-Airport ma deher xejn dwar l-incident. Hu kien ghamel *statement* fl-Ghassa ta' l-Airport. Il-Gazzetta ma kkuntattjatux fuq dana l-incident. Hu ma kienx ha passi kontra Deguara ghar-rapport falz.

L-Ispettur Rita Criminale xehdet li fir-rapport ta' lis-Spettur Victor Gauci hemm imnizzel hekk:

*On the 23rd February 1995 at 23hrs the police were informed that there was an argument in the basement of the M.I.A. The Police immediately called on the spot. From investigations carried out it resulted that there was an argument between Anthony Deguara …who was guard*

*duty at the gate at the basement and Raymond Fenech… who is the Director of General Cleaners*. …

*Deguara stated that Fenech started offending him as he was not attended to immediately and was left in front of the barrier. Deguara further stated that Fenech told him that he can take four (of) his kind and will implant eight bullets in his neck. Deguara also stated that he thought that Fenech had something in his hands when he uttered these words. It is worth mentioning that in spite of the serious threatened words that could not be corroborated by other witnesses, the fast line of communications at the M.I.A. and the omnipresence of the police at the M.I.A Deguara opened the gate and let Fenech leave the premises. The undersigned was telephonically informed round about midnight and ordered an immediate search on Raymond Fenech car and in his residence. This search was effected and yielded negative results. Raymond Fenech was interviewed by the Police and denied all allegations but added that it was true that Deguara took a very long time to open the barrier and consequently had manifested his anger but he had accused Deguara of disgraceful behaviour. The video of the incident was seen by P.S. 1296 J. Mizzi and nothing abnormal was reported.*

Anthony Zammit**,** Operations Manager mal-Group 4. xehed li Deguara semma li ra lil Fenech kellu arma tan-nar f'idu. Meta ghamlu l-investigazzjoni huma kellhom il-versjoni ta' Deguara biss.

John Pepper, Senior Guard mal-Group 4, xehed li Raymond Fenech *that night told him that Deguara was bullying him. He went to talk to Deguara but he was not in his place of duty. Later he found him and asked him why he was not in the basement and he replied that he did not want to go down there anymore because Fenech pulled a gun at him. He never saw Mr. Fenech pull any guns at all. He has known Mr. Fenech since 1991 and they have never had this behavour from him before. Deguara told him that Fenech has taken the gun from his pocket and*

*pointed it at him in the basement which the position that he told me they were staying that was in front of the cameras (sic.)*

Joseph Mizzi , Surgent fl-ghassa ta' l-Airport xehed li kellu rapport mill-Awtorita ta' M.I.A. Huma qalulu li xi hadd kien dahal b'xi arma fil-*basement* tal-Airport isfel u talbuh biex jinvestiga l-kaz. Hu kien investiga, ra l-video u mill-video ma rrizultalu xejn. Il-Pulizija kienu marru d-dar ta' Fenech u ghamlu *search* fil-karozza u fir-residenza ta' l-attur u ma sabu xejn. Kienu anke ghamlu tfittxija fl-ufficcju tieghu l-airport u ma sabu xejn.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenut Antonio Busutill xehed li fit- 22 ta' Frar, 1995 kien il-*printer* ta' l-Orizzont, u li hu ma kien jaf xejn fuq l-artikolu mertu tal-kawza. L-attur qed jissottometti li hu difficli kif stampatur ma jarax il-*front page headline* tal-gurnal tieghu meta jistampah.

Il-konvenut Busutill xehed bil-gurament li hu ma jaf xejn dwar l-artikolu mertu tal-kawza. Anke kieku stess Busutill ra il-*front page headline*, minn dan il-*headline* biss, bla ma qara l-artikolu, mhux bil-fors irid jasal ghall konkluzzjoni li l-artikolu huwa libelluz, billi l-*headline* kif inhi hija newtrali, u hemm imnizzel li s-*Security Guard* jghid li gie mhedded b'arma tan-nar. Il-headline ma tghidlekx x'gie rrapportat fl-artikolu u kif.

Kwantu ghall-konvenut Ghirxi dana ma xehedx u lanqas ma tella bhala xhud lil Anthony Deguara, dwar il-fatti.

Jirrizulta li fil-kaz in ezami kien hemm l-interess pubbliku li dina l-ahbar tigi rapportata fil-gazzetti,

Jirrizulta ukoll li l-fatti rakkontati huma sostanzjalment vera.

Izda l-Qorti hi tal-fehma li r-rapport bhala kronaka mhux wiehed oggettiv u fidil/*fair* ghar-raguni segwenti. L-

Orizzont kien ghamel il-verifiki tieghu mal-Pulizija, ma’ l-M.I.A. u mal-Group 4, izda mhux ma l-attur u qaghad biss fuq, u accetta bhala vera, l-versjoni ta’ Deguara, u ma ghamel ebda attentat, ghalkemm kellu zmien bizzejjed, biex jara, minn naha ta’ l-attur, kif graw il-fatti, qabel ma ppubblikaw l-artikolu. Il-konvenuti hadu bhala fatt li attwalment gara, dak li qal Deguara.

Il-fatti kif rapportati jitfghu dell ikrah fuq l-attur billi allegaw li huwa abbuza mill-posizzjoni tieghu u anke uza arma tan-nar biex jedded impjegat fuq ix-xoghol tieghu.

Ghalhekk l-ewwel talba ta’ l-attur qed tigi milqugha.

Dwar it-tielet talba, il-konvenuti qed jeccepixxu li dina hija legalment insostenibbili.

Illi skond l-artikolu 20 tal Kap 248 issir pubblikazzjoni tas-sentenza kif hemm provvdut fl-artikolu fil-kaz li persuna tinsab hatja (kriminalment) taht l-artikolu 11 ta’ l-istess Kap. Fl-artikolu 21 il-ligi taghti d-dritt li persuna li thossha malafamata titlob li fl-istess gazzetta tigi pubblikata dikjarazzjoni bhala kontradizzjoni jew spejgazzjoni, izda dana mhux wara li tiehu gudizzju plenarju ta’ libell (ara sentenza Vol XL111 p 955).

Ghalhekk dina t-talba ma tistax tigi akkolta.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi

Tiddikjara illi l-konvenuti bhala editur u stampatur rispettivament tal-gurnal “L-Orizzont” taw malafama lill-attur bl-istampar fuq imsemmi, li ghandu l-iskop li jtellef jew inaqqas l-istima tieghu;

Tikkundanna lill-konvenut Frans Ghirxi jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm400 mentri lil Antonio Busutill tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm100 bhala danni u riparazzjoni ta’ l-ingurija u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija.

Tichad it-tielet talba.

Bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------